# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU: 2840

**Kaz Numru : 3635/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn**

**Christopher Mifsud (ID: 278082M)**

**u**

**Giana G Limited (C30831)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A.LLb;Dip.LP, B.A., P.G.C.E.</u>**

**Nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju, 2022**

### Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors pprezentat mill-Avv Abigail Critien f'isem ir-rikorrent Christopher Mifsud fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-12 ta' April, 2018, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mas-socjeta' intimata, huma ghal ragunijiet ingusti. Min-naha taghha s-Socjeta' ntimata Giana G Ltd fl-istqarrija taghha qalet li mhux minnu li l-impjieg gie tterminat, izda r-rikorrent diversi drabi kiser l-obbligi tieghu taht il-kuntratt ta' l-impjieg u abbanduna l-post tax-xoghol.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn nahat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha in konsiderazzjoni l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

### Rapprezentanza

Christopher Mifsud li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Abigail Critien.

Giana G. Ltd li minn issa 'l quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata, kienet irrapprezentata mill-Avv. Tonio Grech u Avv.Lorna Mifsud Cachia.

### Fatti fil-qosor tal-kaz

Ir-rikorrent kien gie ngaggat mas-Socjeta' ntimata fuq bazi indefinita bhala 'yacht master' mill-1 ta' Lulju 2014 b'paga ta' €42,000 fis-sena gross. Ir-rikorrent qed jallega li nqalghu kwistjonijiet finanzjarji fl-istess sena li r-rikorrent ma kienx qed jithallas il-paga dovuta u allegatament lanqas ta' spejjez ta' xoghol ulterjuri li kien ghamel ir-rikorrent. Fl-istess hin ghaddejjin proceduri legali rigward dan il-fatt quddiem il-Qrati kompetenti. Skont ir-rikorrent, dan wassal biex f'Awwissu 2017, is-socjeta' taghtu struzzjonijiet biex ma jitlax aktar fuq il-vapur Giana G. Insegwe, permezz ta' cedola ta' depozitu numru 1330/17 fl-ismijiet Christopher Mifsud vs Giana G Ltd, ir-rikorrenti ddepozita c-cwievet tal-bastiment Giana G taht l-awtorita' tal-Qrati ghaliex, skont ir-rikorrent ried jezimi ruhu minn kull forma ta' responsabbilta' fuq l-istess vapur. Sadanittant ir-rikorent zamm cavetta tal-puntun A u baqa' jmur fuq l-istess Puntun ghaliex qatt ma gie mpedit milli jaghmel dan biex, skont ir-rikorrent izomm ghajnejh miftuhin fuq x'qed jigri. Ir-rikorrent jghid ukoll li sal-1 ta' Dicembru 2017, ir-rikorrent kien ghadu registrat bhala impjegat tas-Socjeta'. Sussegwentement fis-16 ta' Jannar 2018 is-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg tar-rikorrent, izda s-socjeta' ddikjarat li gie tterminat fil-21 ta' Lulju 2017 bir-raguni "Abbanduna l-post tax-xoghol".

Min-naha taghha s-socjeta' tinsisti li ma kienx hemm tkeccija izda abbandun tal-post tax-xoghol u li l-pagi tar-rikorrent, it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali relattivi thallsu fl-intier taghhom sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg, u la hemm, u la qatt kien hemm ftehim iehor bejn il-partijiet, la bil-miktub u lanqas bil-fomm, dwar "xoghol zejjed". Is-socjeta qed tallega wkoll li r-rikorrent qabad u arresta l-bastiment Giana G ghall-gharrieda, minghajr ma qatt ghamel imqar ilment wiehed bil-miktub dwar l-allegazzjonijiet tieghu; kif ukoll iddepozita ic-cwievet fir-registru tal-Qorti minghajr ma l-ewwel attenta jirritorna l-istess cwievet lis-sid, biex is-socjeta' ccedi ghar-rikatt tar-rikorrent. B'dan l-ghagir u billi qata' kull kuntatt, is-socjeta' qed tallega li abbanduna l-post tax-xoghol, kif ukoll tella' abbord persuna/persuni minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta', tant li ntalbet l-ghajnuna tal-pulizija segwenti ta' rapporti ta' vjolenza li servew ta' danni ghar-reputazzjoni tas-socjeta'.

Minkejja kollox is-Socjeta' talbet li preliminarjament it-talbiet jigu michuda minhabba li l-kaz ma giex intavolat 'entro termini.'

### Gabra fil-qosor tax-xhieda

**Christopher Mifsud,** ir-rikorrent permezz ta' Affidavit, qal li kien impjegat mas-socjeta' ntimata bhala Kaptan fuq il-Bastiment Giana G. Gara li, skont ix-xhud li kellu jaghmel xoghol iehor li mhux xoghol ta' Kaptan, kien jahdem ukoll bhala ufficjal u kif ukoll bhala membru tal-ekwipagg. Dan apparti xoghol iehor li ma kienx inkluz fil-ftehim tal-kuntratt tax-xoghol, li gie ffirmat fl-1 ta' Lulju 2014. Ix-xoghol li kien mistenni minnu skont il-kuntratt huwa : z-zamma generali tal-jott, kemm minn barra u kemm minn gewwa, jara li

jinzamm livell gholi ta' ndafa, manteniment kontinwi bi preparazzjoni li jkun jista' jsalpa jkun x'hin ikun; s-sahha u sigurta' tal-ekwipagg, vizitaturi awtorizzati, mistiedna jew klijenti jekk ikun inhareg charter kummercjali; notifika bil-miktub lill-employer jekk ikun hemm xi kaz straordinarju rigward manteniment lill-jott jew apparat tal-jott. Ix-xhud qal li l-impjieg tieghu kien jesigi li jaqdi dmirijiet ta' yacht master u bi hlas ta' dan kellu tnejn u erbghin elf ewo (€42,000) gross fis-sena. Ix-xhud qal li qed jipprezenta provi li juri, skont il-logbook, dak kollu li kellu jaghmel u li jmur lil hinn minn dak miftiehem, fosthom vjaggi li huma oltre mill-paga li kellu jithallas. Il-kuntratt kien jitkellem fuq vjaggi fit-territorju ta' Malta u certu charters. Minkejja kollox, ix-xhud qal din id-dghajsa qatt ma ntuzat bhala *charter boat.* Ix-xhud qal li s-sid ta' din il-jott, ragel anzjan bl-isem Gianclaudio Gregorio, huwa persuna anzjana u kien juza din id-dghajsa ghal skop ta' divertiment. Dan kien ifisser li lis-sid u s-siehba tieghu kienu jippretendu li jsuqhom minn port ghal port taht il-pretenzjoni ta' *chartered boat* biex jigu evitati rati gholja ta' fuel. Ix-xhud qal li kien mitlub jipprezenta l-kuntratt ta' *charter yacht*, jekk jigi mitlub, li kien iffirmat minn persuna li fil-fatt hija l-mara tas-Sid. F'dan il-perjodu, ix-xhud qal li s-sid kien jitrattah ta' skjav, u mhux biss ta' kaptan kellu jaghmilha, izda, qal ix-xhud, kellu wkoll jahdem ta' seftur, ezempju, johrog idur bil-kelb, imur jixtrilhom u jaqdihom, isajjar u ghal ammont ta' zmien spicca minghajr ekwipagg u kien jahdem wahdu fuq id-dghajsa. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx jinghata x'jiekol, u meta kien jinghata, kienu jtuh ghagin bit-tonn taz-zejt ghal xahrejn shah. Kien hemm zmien meta mieghu bhala ekwipagg kien hemm tnejn, wiehed bhala deck hand u ohra bhala stewardess, izda t-tnejn kienu minghajr esperjenza u allura, x-xhud innifsu kellu jaghmel xogholhom ukoll.

Ix-xhud qal ukoll li ghamel diversi spejjez ghad-dghajsa, u taghhom ghadu ma thallasx. Lanqas ma thallas kif kien imwieghed talli kien jaghmilha ta' taxi driver u tal-uzu tal-mobile. Huwa qal li veru li kien ikun hemm *petty cash* ta' madwar €500 ewro, pero l-ispejjez telghu ghal madwar €2000 ewro u li taghhom ghadu ma thallasx, minkejja li ghadda l-evidenza lis-sid ta' kif intefqu u rcevuti relatati. Ix-xhud qal li meta ntalbet stima m'ghand terzi biex id-dghajsa ssirilha *teak deck rechaulking,* l-istima telghet ghal €24,000, izda s-sid minflok, qabbad lix-xhud biex jaghmilha hu. Ta' dan huwa gie mwieghed hlas li ukoll ma sarx. Tal-materjal thallas, izda xejn aktar. Fost xoghol iehor li tqabbad, qal ix-xhud, kien hemm xkatlar tad-dghajsa u l-pruwa, dan la huwa xoghol ta' yacht master, u lanqas ta' kaptan. Ix-xhud qal ukoll li l-kuntratt jitkellem fuq erbghin (40) siegha xoghol, izda huwa kien jahdem il-hin kollu, lejl u nhar, li dan johrog ukoll mill-logbook li kien jiffirma, u maz-zmien telghu xi ghaxar t'elef ewro (€10,000) spejjez li kellu jigbor, b'ircevuti u li baqa' ma hadhomx, kif ukoll arretrati ta' pagi li jlahhqu mal-hames t'elef u hames mitt ewro (€5,500). Kien ghalhekk li ghamel mandat ta' arrest biex jassigura li s-sid ma jitlaqx minn Malta.

Wara li ghamel il-mandat, ix-xhud qal li rcieva messagg biex ma jitlax fuq id-dghajsa, izda kellu jiltaqa' ma' persuni ohra biex jaghtihom handover, u kien wara li kellem lill-avukat tieghu, kompla x-xhud, li ddepozita c-cwievet il-Qorti permezz ta' cedola u kien id-9 ta' Awwissu l-ahhar gurnata li qeda d-dmirijiet tieghu fuq id-dghajsa. Ix-xhud rrefera wkoll ghal abbuz li kellu jsofri. Hu kien jigi mghajjar u mhedded mill-owner, u qaltlu li se taqbdu

minn xahru u titfghu l-bahar, u ghajjritu wkoll li dejjem jibki ghall-paga, li filfatt kienet id-dritt tieghu.

Ir-rikorrent f'seduta ohra xehed ukoll fejn qal li waqt il-process li ghadu ghaddej dwar dan il-kaz, s-Sur Joseph Saliba mill-Jobsplus ikkonferma li sa Dicembru 2017 huwa kien ghadu mnizzel mal-Jobsplus (Dok F). Huwa qal ukoll li fi Frar 2018 huwa mar il-Jobsplus u skopra li kien gie tterminat f'Lulju tat-2017, u dan minghajr qatt ma kien ikkomunikat lilu. Huwa kompla jghid li dan mhux minnu ghax ghandu l-messagg fuq il-mobile li juri data tad-9 ta' Awwissu meta s-socjeta' qaltlu biex ma jitlax aktar fuq il-vapur, imma fl-ebda hin ma qaltlu li kien qed jigi tterminat. Huwa semma' wkoll dokumenti li gew ipprezentati fil-Qorti li juru li sa Awwissu kienu ghadhom ihallsulu l-NI kif ukoll payslips ta' pagi li filfatt minkejja li hargu, l-pagi qatt ma thallsu.

Ghall-kontro-ezami x-xhud qal, li minkejja li fl-affidavit huwa nizzel li l-ahhar gurnata li qeda dmiru kienet fid-9 ta' Awwissu, filwaqt li kkonferma li hekk qal, qal ukoll li ma kienx qed jghid li kien gie tterminat.

F'seduta ohra kkonferma li kien gie mpjegat mas-socjeta' fl-1 ta' Lulju 2014 bhala Kaptan fuq sailing jott ta' 25.9 metru. Huwa qal li l-kuntratt tieghu kien li suppost jaghmel tmin sieghat kuljum izda l-erbghin siegha kienu jinqabzu ghax kellhom jigu ngaggati erbgha bhala ekwipagg, izda baqa' wahdu bhala mpjegat. Huwa qal li x-xoghol li jitqabbad jaghmel kien *teak,* zebgha u dawn ma kienux xoghlu ghax jaqghu taht manutenzjoni straordinarja. Qal ukoll li d-dghajsa kien gie deciz li tinqaleb minn privata ghall-kummercjali u kellu jsir certu xoghol bhal *safety equipment* u dan kien jiehu hsiebhom hu. Huwa qal li bhala xoghol li zdiedlu, issa li riedet tinqaleb ghal *commercial,* kien aktar komunikazzjoni mas-*surveyers*, meta jcaqlaq xi affarjiet bhal pajpijiet, ried jghaddi minn go bulk heads u maintenance ghax ma kinitx f'kundizzjoni li taghmel charters. Huwa qal li minflok impjegaw aktar nies, qalulu jaghmlu hu u jithallas apparti. Ix-xhud qal li pprezenta ritratti ta' xoghol extra, ezempju element ta' heater ta' boiler li bidlu hu flok qabbad lil haddiehor. Qal ukoll li kellu ritratti ta' nstrumenti li nstalla hu fuq id-dghajsa u xoghol ta' *teak*. Huwa qal li *teak* jirrikjedi hafna xoghol li kull metru suppost jithallas erba' mija (€400) jew sitt mitt ewro (€600). Minflok ghamlu hu. Qal li kien jaghmel xoghol ta' sprayer ukoll. Ix-xhud qal li qatt ma thallas ta' dan ix-xoghol. Ix-xhud qal li anke ghamel xoghol ta' zebgha fuq id-deck. Ix-xhud semma wkoll kif kien juza spiss il-karozza tieghu biex iwassal u jgib lis-superjuri tieghu mil-lukanda sad-dghajsa u kien ukoll jattendi diversi laqghat ma' persuni ohra u jmur bil-karozza tieghu. Huwa qal li anke ghandu email fejn talab li jithallas l-ispejjez tal-karozza bhal diesel u kreditu tal-mobile. Huwa qal li qatt ma nghata warnings la bil-miktub u lanqas bil-fomm. Ix-xhud qal li qatt ma kien ircieva ilmenti izda hu kien baghat jghidilhom ghall-pagamenti ta' Mejju u Gunju izda ma kienx inghata twegiba. Huwa qal li mbaghad fid-9 t'Awwissu rcieva messagg minghand David Borg biex ma jitlax fuq id-dghajsa u stedina biex jiltaqghu u jaghti hand over ufficjali. Huwa talab parir minghand avukat u dan qallu li la gie mitlub biex ma jitlax fuq id-dghajsa hekk kellu jaghmel. Huwa qal li wara dan huwa ghamel sentejn bla mpjieg u kellu jbiegh il-

proprjeta' tieghu li kienet stmata disa' mija u hamsin elf euro (€950,000) li nbieghet sitt mija u ghaxart'elef euro (€610,000).

F'seduta ohra x-xhud ipprezenta dokumenti li diga kienu gew ipprezentati quddiem il-Prim Awla f'kawza civili fi process fl-istess ismijiet. Huwa qal li l-€5000, €5000 u €3000 huma parti minn accounts li huwa stess jghaddi lis-socjeta', lil David Borg u lil Martina Felice, li jinsabu mmarkati nru 253 fil-process tal-kawza civili u gew riprodotti quddiem it-Tribunal. Huwa qal li l-€5000 huma spejjez li huwa ghamel ghad-dghajsa, pagi b'lura u maintenance li kien isir. It-tieni hames t'elef, marru tliet t'elef pagi u elfejn spejjez tad-dghajsa. Bhala evidenza, x-xhud qal li kien qieghed jipprezenta l-payslips ta' dawn ix-xhur. Huwa qal ukoll li l-paga ta' Gunju, Lulju u Awwissu huwa ma thallasx. Huwa qal li lis-socjeta' kien jinfurmaha li ghandu jiehu l-flus, ghax ikun harighom minn butu, jew bit-telephone jew billi jibghat emails, fejn jinfurmahom li ghandu jiehu l-flus. Min-naha tieghu huwa qal ix-xhud kien izomm rendikont tal-accounts li qed jigi mmarkat CAX1 li filfatt ma jaqbilx mal-accounts li kienet taghtu s-socjeta' li qed jigi mmarkat Dok C68. Huwa qal li meta wiehed iqabbilhom isib li hemm accounts neqsin u xhur neqsin. Bhala ezempju huwa qal, li jekk ikun mar jixtri minn Pavi u hareg 50 minn tieghu, fl-accounts tas-socjeta' jkunu mnizzlin li hu thallas taghhom. Ix-xhud qal ukoll li meta kien jircievi l-paga tard, il-bank kien iwahhlu multa fuq id-dejn li kellu mieghu u huwa ghamel tajjeb ghalih billi beda johodhom mill-*petty cash* u b'dan kien avza lil David Borg.

Huwa qal li qed jipprezenta rcevuti ta' xahar minnhom, ta' Lulju 2016 (CAX2), li juri 44 ircevuta li meta mqabbel mal-accounts tas-socjeta (Dok 68) juri li hemm tmin (8) ircevuti biss. Ix-xhud irrefera wkoll ghac-charter li kien sar, fejn huwa dam xahrejn skorruti u mhux kif qalet is-socjeta', tliet gimghat. Huwa spjega li ghall-finijiet tac-charter, id-dghajsa nqalbet fuq is-socjeta' u ma baqghetx fuq l-owner, minhabba li nqalbet kummerjali u b'hekk ikollha diversi beneficcji, fosthom dwar il-VAT. Dan ifisser li s-sid ufficjali sar il-kumpanija u mhux l-owner tad-dghajsa, u allura anke jekk is-sid taghha juzaha, irid ihallas. Il-benificcjarju tal-jott huwa s-Sur Gregori.

Ix-xhud qal li huwa twaqqaf mis-socjeta' fid-9 t'Awwissu 2017 biex ma jitlax aktar fuq id-dghajsa. Huwa qal ukoll li gibed ritratti tad-dghajsa f'Settembru 2018 u jidher li fuqha kienu qed jghixu xi nies.

Huwa qal ukoll li l-impjieg tieghu nghalaq fit-28 ta' Frar 2018 ghax skont il-Jobsplus huwa kien jidher li ghadu mpjegat.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2021 x-xhud ipprezenta l-logbook li juri meta d-dghajsa harget u dahlet lura l-port wara li c-Charter gie fi tmiemu, u dan kien fit-3 ta' Settembru, wara t-tluq minn Malta fit-12 ta' Lulju 2016. Ix-xhud qal ukoll li kien qed jipprezenta summarju tal-waqfiet kollha u kemm nefaq f'diesel, immarkat CAX 12 li jigbru dak li aktar f'dettal gol-logbook immarkat CAX11. Ix-xhud semma wkoll elenku ta' flejjes li kellu jinghata mis-socjeta' fosthom ta' kemm hadem fil-weekends u kemm hadem ovetime, semma wkoll il-leave li ma hax u allura kellu jithallas tieghu. Semma' wkoll il-pagi ta' Gunju, Lulju u

Awwissu 2017 li ma thallasx taghhom. Ix-xhud rega' rrefera ghall-fatt li fl-14 ta' Dicembru 2017, minn xhieda li nghatat waqt il-proceduri quddiem il-Prim' Awla, huwa kien qieghed jidher li ghadu mpjegat mas-socjeta'. Filfatt ix-xhud qal li suppost jiehu wkoll is-salarju sa Frar 2018, meta filfatt il-Jobsplus irceviet li kien intemmlu l-impjieg. Ix-xhud irrefera wkoll li l-bank qatghalu mal-ghoxrin elf ewro f'interessi zejda li akkumulaw ghax ma kienx qieghed ihallas minhabba li ma kienx qieghed jircievi paga. Huwa qal ukoll li kellu jbiegh id-dar tieghu li kienet stmata €950,000 u filfatt bieghha €610,000, biex ikun jista' jhallas il-bank ghax kien se johodhielu. Ix-xhud qal ukoll li meta xtara d-dar kien ibbenifika mis-sussidju tal-iskema '*first time buyers'*, u ffranka hamest elef ewro, li parti mis-somma, cjioe elfejn, tliet mija u tletin euro (€2330) gie mitlub jirrifondi minhabba li ma damx joqghod fiha hames snin u bieghha qabel dan it-terminu.

Ix-xhud tenna li minkejja kollox huwa gie mkecci fit-8 ta' Awwissu 2017, meta rcieva messagg biex ma jitlax aktar fuq id-dghajsa u jiltaqa' mas-superjuri tieghu biex jaghti l-handover.

**Dr. Gianclaudio Gregori** qal li huwa l-propretarju ta' Giana G Limited u l-uniku direttur kien is-Sur Borg. Fl-20 ta' Lulju kien Malta ghal zjara ta' zewg enginiera, s-Sur Bonello u s-Sur Cateridge, biex dawn jiccekjaw il-yacht. Huwa qal li flimkien mar-rikorrent iddiskutew ix-xogholijiet li riedu jsiru u bdew jaraw fejn l-ahjar isir ix-xoghol jekk hux Malta jew Sqallija. Ix-xhud qal li wara martu nfurmat lir-rikorrent li kellu jsegwi u jimxi mad-decizjoni li jiehdu l-enginiera, sew jekk ix-xoghol isirx Malta jew Sqallija. Ix-xhud qal li b'sorpriza kbira ghalih fil-21 ta' Lulju sar jaf li l-jott gie ssekwestrat u kellu jhallas €25,000 ghal dan il-fatt. Qal ukoll li rega' sar jaf li l-jott rega' gie ssekwestrat.

**David Borg** li kien direttur mas-socjeta' bejn l-2010 u l-2017 li kien ukoll konsulent tal-beneficcjarji tas-socjeta'. Ix-xhud qal li d-dghajsa ingabet minn Riposto fejn kien sarilha xoghol ta' manutenzjoni, u wara kienet taht il-kura tar-rikorrent biex jerga' jirripristinaha u tkun tista' terga' topera b'mod kummercjali. Huwa qal li f'seba' snin sar charter wiehed biss. Bhala ekwipagg kien hemm ukoll koka abbord. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien thallas il-pagamenti kollha sal-ahhar ta' Awwissu, tant li thallsu sbatax-il pagament inkluz l-FSS, in-*national insurance* b'mod regolari. Ix-xhud qal li d-dghajsa kient irmunkata gewwa l-Birgu. Huwa qal li kien hemm xi xoghol ta' manutenzjoni straordinarja u peress li hu ma kienx espert, ingagga lill-Inginier Nawtiku Kurt Catridge u lir-ragel tal-beneficcjarja bhala konsulenti, biex ikun jista' jiehu certi decizjonijiet. Ix-xhud qal li r-rikorrent kellu l-inkarigu li jiehu hsieb il-manutenzjoni ordinarja u kellu l-liberta' kollha li jiehu hsieb hu, u kellu *petty cash* ghad-dispozizzjoni tieghu. Ix-xhud qal li sar jaf minn terzi li d-dghajsa giet arrestata u hu kkomunika mar-rikorrent u talbu jiltaqghu biex jara x'kienet id-diffikulta' u forsi anke jwassal l-ilment lil min kellu jwasslu. Ix-xhud qal li ghall-ewwel ir-rikorrent qabel mieghu izda wara qallu li se jigi bl-avukat tieghu. Ix-xhud qal li ghal din it-twegiba huwa qallu li anke hu mela, se jkollu avukat jassistih. Izda wara ma sema' xejn aktar mir-rikorrent. Ix-xhud qal li rega' kkuntattjah hu lir-rikorrent fejn qallu li la ma kienx hemm aktar fiducja bejniethom tant li arresta d-dghajsa, talbu biex ma jitlax fuq id-dghajsa u dan sew fl-interess tar-rikorrent biex jekk jinqala' xi haga hadd ma jkun jista' jghid li

kellu access ghad-dghajsa u sew fl-interess tax-xhud stess bhala direttur ghax hu, qal ix-xhud kien unimament responsabbli tad-dghajsa.

Ghall-kontro-ezami x-xhud qal li r-rikorrent kien inkarigat igib id-dghajsa minn Riposto gewwa l-Italja u kkonferma wkoll li f'seba' snin sar charter wiehed. Huwa kkonferma wkoll li ma kienx l-obbligu tieghu li jfittex ic-charters, izda jekk jirnexxilu jgib charters kien imwieghed li jinghatalu l-commission. Huwa qal ukoll li seta' jispjega ghala qed jallega li r-rikorrent abbanduna d-dghajsa meta hu stess qallu biex ma jitlax fuq id-dghajsa, propju ghax qabel qallu titlax, kien talbu jiltaqghu u jaraw x'kienu d-diffikultajiet izda r-rikorrent baqa' ma wegibx ghal din l-istedina. Ix-xhud qal ukoll li la seta' jichad u lanqas jikkonferma jekk ir-rikorrent kien baqa' jmur fuq il-pontun. Qal ukoll li c-cwievet tal-pontun ghandu baqghu qatt ma waslu.

**Joseph Saliba** bhala rapprezentant tal-JobsPlus spjega kif ircevew it-temination form fit-8 ta' Marzu 2018 u fiha kien hemm imnizzel li r-rikkorrent abbanduna l-post tax-xoghol fil-21 ta' Lulju 2017 u b'hekk dik tigi d-data ta' terminazzjoni. Huwa ccara wkoll ghala meta xehed qabel fil-Prim' Awla fil-kaz fl-istess ismijiet nhar l-14 ta' Dicembru 2017, fejn qal li r-rikorrent kien ghadu fl-impjieg. Ix-xhud spjega li dakinhar qal hekk ghax kienu ghadhom ma rcivewx il-formola ta' terminazzjoni minghand is-socjeta' kif filfatt gara f'Marzu tal-2018.

**Ian Cochrane** fil-kapacita' ta' Assistant General Manager tal-Port il-Kbir, ipprezenta l-logbook u rcevuti li juru d-dati meta d-dghajsa harget u dahlet lura fil-Port. Huwa qal li harget fit-12 ta' Lulju 2016 u dahlet lura fit-3 ta' Settembru 2016

**Nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet**

Ghan-nom tas-Socjeta' giet pprezentata Nota ta' Osservazzjonijiet fejn gie spjegat li r-rikorrent ma giex itterminat izda huwa stess ikkaguna t-terminazzjoni u dan ghax bhala kaptan isegwi li meta huwa arresta l-jott huwa kien qieghed jeqred il-bzonn tax-xoghol tieghu stess u bl-ghagir tieghu effettivament kien qieghed jghid lis-socjeta' illi ma riedx jibqa' jahdem fuq il-jott. Illi ghalhekk il-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent gie tterminat bl-ghagir tar-rikorrent stess. Is-socjeta' tghid ukoll li hi ma setghetx tagixxi mod iehor meta d-direttur tas-Socjeta' David Borg, kif hareg mix-xhieda ta' l-1 ta' Ottubru 2019, qal li meta sar jaf li jott gie arrestat, ikkuntattja lir-rikorrent hu biex jinfurmah. Ir-rikorrent minn naha tieghu qallu li kien jaf ghax hu stess ghamel l-azzjoni. David Borg staqsieh ghala ma resaqx biex jiddiskutu la kellu problema kif soltu jaghmel. Ir-rikorrent hawn wera rieda tajba li jmur jiddiskuti mieghu. Gara izda li wara rega' cempel lil Borg u qallu li se jmur bl-avukat mieghu. Borg qallu allura anke hu se jkun assistit minn avukat. Qallu wkoll biex ma jitlax fuq il-jott issa li gie arrestat ghal gid ta' kulhadd, anke biex jekk issir xi hsara ma jehilx ir-rikorrent. Gara izda li din il-laqgha ma saretx ghax ir-rikorrent ma marx. Minn sms li d-direttur baghat qabel lir-rikorrent meta nfurmah biex ma jitlax abbord, fejn stiednu jiltaqghu, l-idea kienet li ma jitlax sakemm jiltaqghu mhux biex ma jitla' qatt. Izda l-laqgha

ma sehhitx. B 'dan l-ghagir is-Socjeta' tikkontendi li r-rikorrent innifsu abbanduna l-post tax-xoghol.

Rigward it-talba ta' reinstatement, is-socjeta' ma tarax lok ghal dan u dan ghax kaptan ta' bastiment jew jott huwa xoghol ta' fiducja specjali.

Rigward il-kumpens rikjest is-socjeta' qalet li l-pretensjonijiet numri 1,2,3,7,8,9,10 u 11 li johorgu min-nota tar-rikorrent tas-26 ta' Mejju 2021, ma jaqghux fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. It-talbiet li jinkwadraw bonuses, pagi, allowances u kumpens iehor, diga gew decizi f'kawza deciza fit-18 ta' Marzu 2021 quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gew kollha michuda. Liema decizjoni tinsab fi stadju ta' appell. Skont is-socjeta' r-rikorrent qed jaghmel forum shopping. Is-socjeta' qalet ukoll li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet dawn it-talbiet ghaliex purament jew mhux pruvati jew mhux dovuti, u ordnat biss li tithallas is-somma minima ta'elfejn, tliet mija, hamsa u tletin euro u hamsin centezmu (€2,335.50) rapprezentanti arretrati ta' paga u rifuzjoni ta' ammonti ta' *petty cash*.

Rigward pretensjonijiet nru 4 u 5, s-Socjeta' qalet li r-rikorrent qed jallega li spicca f'sitwazzjoni fejn ma setax jaghmel il-pagamenti mensili relatati mal-facilita' bankarja moghtija lilu. Is-socjeta' qalet li qabel xejn ma giex ippruvat li t-terminazzjoni tal-impjieg, li skont is-socjeta' hija implied resignation or resignation by conduct min-naha tieghu stess, xorta jibqa' l-fatt li dawn ic-charges li qed isemmi ma giex pruvat in-ness bejn it-terminazzjoni u dawn l-istess charges. Is-socjeta' tghid ukoll li ta' lanqas tliet darbiet meta r-rikorrent kien ghadu fl-impjieg, talab ghajnuna ghax kien qed jaqa' b'lura fil-pagamenti mensili kif hareg mix-xhieda tas-Sur Gregori fit 22 ta' Ottubru 2019, ghaldaqstant kien ir-rikorrent stess li kien jahti ghat-tardivita' tal-hlas lill-bank.

Is-socjeta' qalet ukoll li l-att li biegh id-dar tieghu ghal somma anqas milli kienet iggib fis-suq, m'ghandhiex tahti l-kumpanija.

Rigward pretensjoni nru 6, s-socjeta' tghid li hija abbuziva, u dan ghax bhala kaptan huwa mpossibbli fi zmien fejn il-jottijiet huma in voga, ir-rikorrent ghadu zghir u f'sahhtu u jghid li baqa' ma sabx impjieg aktar minn sentejn wara.

Is-socjeta' qalet ukoll li ghall-kuntrarju kif allega r-rikorrent li kien trattat ta' skjav, filfatt anke thalla jghajjex lill-partner tieghu mieghu fuq il-jott fejn kien qed jghix hu wkoll.

Dan hareg mix-xhieda ta' RPC 3056 Saviour Zerafa li xehed quddiem il-Prim'Awla tal-qorti Civili fl-10 ta' Dicembru 2019, u li esebixxa rapport li kienet ghamlet Inoe Thera Bezzina ghand il-pulizija kontra r-rikorrent li meta jaqrah wiehed jikkonkludi illi hija kienet qed tghix mar-rikorrent fuq il-jott stante li hi kellha l-affarijiet taghha fuq l-istess jott hu ma riedx ihalliha titlaq u tiehu l-affarijiet maghha. Is-socjeta' tghid ukoll li kien qed jghix fuq il-jott b'mod abbuziv u kontra l-kuntratt li kellu mas-socjeta' intimata.

Is-socjeta' tghid li mhux talli ma kienx skjav, talli l-benificcjarju kien anticipa l-paga tar-rikorrent biex ihallas il-pagamenti tal-bank u kien ukoll ihallih jahdem fuq dghajjes ohra, minkejja li l-kuntratt tax-xoghol kien jghid mod iehor.

Ghan-nom tar-rikorrent giet pprezentata nota t'osservazzjonijiet fl-24 ta' Frar 2022, fejn intqal li r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' fuq bazi indefinita sa mill-1 ta' Lulju 2014, b'paga ta' €42,000 gross fis-sena. Ir-rikorrent jghid li dejjem ghamel xogholu sew tant li tnaqqaslu z-zmien ta' prova (*probation*). Gara izda li nqalghu kwistjonijiet finanzjarji bejn ir-rikorrent u s-socjeta' fis-sena li l-istess rikorrent ma kienx qed jithallas il-pagi tieghu, lanqas ma kien thallas ta' xoghol zejjed li ghamel u li konsegwenza ta' dan kellu jiehu passi legali u civili relatati mal-istess ammonti dovuti. In-nota tghid li dan kollu wassal sabiex f'Awwissu 2017 s-socjeta' ntimata tat struzzjonijiet lir-rikorrent biex ma jitlax aktar fuq il-vapur Giana G, liema messagg intbaghat lilu fid-9 ta' Awwissu 2017. Fin-nota r-rikorrent jghid ukoll li permezz ta' cedola ta' depozitu numru 1330/17 fl-ismijiet Christopher Mifsud vs Giana G Limited ir-rikorrent iddepozita c-cwievet tal-bastiment Giana G taht l-Awtorita' tal-Qorti, ghaliex ried jezimi ruhu minn kull reponsabbilita' fuq l-istess vapur. Ir-rikorrent jghid ukoll li hu zamm c-cavetta tal-puntun A u baqa' jmur fuq l-istess Puntun ghaliex qatt ma gie impedit milli jaghmel dan.

Ir-rikorrent jghid li precizament nhar is-16 ta' Jannar 2018 is-socjeta' intimata ddecidiet unilateralment li tittermina l-impjieg tar-rikorrent b'dan pero' li jiddikjara li l-impjieg tieghu kien gie terminat back-dated ghall-21 ta' Lulju 2017 kif jirrizulta minn dok G u bhala raguni tat-terminazzjoni tat: abbanduna l-Post tax-xoghol'.

Din ir-raguni moghtija, jghid ir-rikorrent mhix veritiera stante li r-rikorrent fil-verita' kien inghata struzzjonijiet biex ma jitlax fuq il-vapur, izda r-raguni vera ghala gie tterminat hija ghax ir-rikorrent qed ifittex lis-socjeta' intimata ghall-pagi dovuti u spejjez li hu nkorra fil-kors tal-impjieg tieghu.

Ghalhekk mhuwiex minnu li abbanduna l-post tax-xoghol. Jghid ukoll li l-kwistjoni li regghet qajmet is-socjeta' li preliminarjament it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda stante li ma tressqux *entro terminini*, dan diga gie deciz, b'decizjoni preliminari ta' dan l-istess Tribunal datata 19 ta' Frar 2019.

Ir-rikorrent jghid ukoll li xehed fit-tul, meta wara din id-decizjoni tkompla jinstema l-kaz fuq il-mertu, liema xiehda ma gietx kontro-ezaminata u allura ma giex ikkontestat. Jghid ukoll li dak li ghamel hu dak kollu li haddiem iehor kien jaghmel f'cirkostanzi simili u cjioe' li jassigura li jinghata flusu kemm ghall-paga li kienet dovuta kif ukoll ghal dawk l-ispejjez kollha li kien jinkorri ghall-istess bastiment.

Minn email tas-27 ta' Ottubru 2020 johrog li l-pagi tieghu ta' Mejju u Gunju 2017 ma thallasx.

Jghid ukoll li minn dokumentazzjoni prezentata mill-esponent innifsu permezz ta’ Dok CAX4 sa CAX7 u Dok CASAC li hu c-charter contract u logbook esebit mis-socjeta’ ntimata stess jirrizulta li l-bastiment kien chartered ghal perjodu ta’ xahrejn.

Ir-rikorrent jghid li rigward kumpens xieraq ghandu jiehu :

1. Xahrejn overtime inkluz il-weekends ghall-perjodu ta’ bejn it-12 ta’ Lulju 2016 u l-4 ta’ settembru 2016 u cioe’ 55 gurnata, li jamontaw ghal €18,900.
2. 3 xhur paga li ma thallasx ghall-perjodu li jkopri Gunju u Awwissu tas-sena 2017 li jmontaw ghal €9000.
3. 6 xhur paga ghaz-zmien li r-rikorrent kien ghadu imnizzel bhala impjegat tas-socjeta’ intimata meta fil-verita’ kellu struzzjonijiet biex ma jitlax fuq il-bastiment u gie eventwalment ikecci. F’dan il-perjodu r-rikorrent ma setax isib xoghol u lanqas seta’ japplika ghal xi beneficcju ta’ unemployment- €18,000.
4. Interessi u charges imposti mill-Bank Of Valletta talli r-rikorrent spicca f’sitwazzjoni fejn ma setax jaghmel il-pagamenti mensili relatati mal-facilita’ bankarja moghtija lilu, - €20,000.
5. L-ammont li tilef r-rikorrent minhabba l-fatt li kellu jbiegh il-propjeta’ tieghu ta’ malajr minhabba l-fatt li ma setax ihallas il-pagamenti tal-Bank u cioe’ minn proprjeta’ li kinet tiswa’ €950,000 bieghha ghal €610,000.
6. Kumpens talli tilef l-impjieg tieghu ingustament u kien minghajr impjieg ghal sentejn u nofs, - €90,000.
7. Kumpens talli r-rikorrent kien imgieghel jagheml uzu mill-vettura tieghu fuq premessa li kellu jigi kumpensat kemm ghad-diesel kif ukoll ghall-hin u ghal-licenza u l-ispejjez relattivi mal-istess vettura., - €10,000
8. Xoghol addizzjonali li ma kienx jaqa’ taht il-job decription tieghu u cioe’ zebgha, teak, repairs, engine services, generator services, hasil tad-dghajsa darbtejn fil-gimgha, tisjir, laundry, responsabbilita’ ta’ ekwipagg li ma kienx adegwat u ma kienx skont il-Malta Commercial Yacht code, hasil tad-dghajsa minn gewwa, electrical u accounts fost ohrajn , li jammontaw ghal €41,000.
9. 10% commission tac-Charter contracts li hija pruvata bix-xhieda ta’ David Borg li tammonta ghal €27,000.
10. Leave li ma ttehidx ghal 3 snin, €7,200.
11. Overtime li r-rikorrent qatt ma thallas ghalih u li minimament kien hemm ta’ 5 sieghat kuljum mit-Tnejn sal-gimgha ghal 3 snin u li jammonta ghal €48,750.

Permezz ta’ l-istess nota t’osservazzjonijiet r-rikorrent jirreferi ghan-nota tas-socjeta’ fejn ikkontendiet li hafna mill-ammonti hawn fuq imsemmija ma jaqghux taht il-gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal izda donnha tinsa li dan l-istess Tribunal Industrijali, fid-deskrizzjoni wiesgha tieghu meta jaghti kumpens ghal tkeccija ingusta, ghandu wkoll ipoggi lill-impjegat fl-istatus quo ante qabel ma’ gie mkecci. Dawn huma, kif tghid l-istess socjeta’ ‘danni reali’.

**Sintesi tat-trattazzjoni ulterjuri tal-kaz**

**Dr Tonio Grech** qal li r-rikorrent f'pagna 5 jghid li lanqas kontro ezami m'ghamlet is-socjeta ntimata u konsegwentement jista' jinghad li dak kollu li qal l-istess rikorrent bl-ebda mod ma gie kontestat. Dr Grech qal li din hija erezija u m'hemm ebda artiklu tal-ligi li fuqha tista tistrieh asserzjoni. La artiklu procedurali u lanqas konstantiv. Huwa qal li s-socjeta' ntimata ghazlet li ma taghmillux domandi ghax qieset li mill-ftit provi hemm inkluzi dawk ex-submisses tar-rikorrent juru li r-rikorrent m'ghandux ragun. U f'certi aspetti ohra t-talbiet tieghu ma ngabux l-provi necessarji u allura ma kienx hemm ghalfejn isir il-kontro-ezami. Dr. Grech qal li s-socjeta' qed tibbaza din it-terminazzjoni mhux ingusta izda 'implied resignation by conduct'. Qal li jafu zewg elementi li m'mhemmx kontestazzjoni dwarhom li r-rikorrent kien il-kaptan tal-yacht u li r-rikorrent stess arresta. Malli arresta l-yacht gab fix-xejn l-impjieg tieghu. Dr. Grech qal li din kbira fil-kamp marittimu li l-kapan stess jarresta l-vapur, aktar u aktar meta d-direttur tas-socjeta' stiednu biex jiddiskutu u jsolvu l-problema, izda r-rikorrent ghazel li ma jiehux l-istedina. Allura din tigi resignation by conduct, jigifieri wiehed, bl-ghagir tieghu stess, jirrendi l-impjieg tieghu inutli. Issa jekk ghandekx ragun tarresta, dik haga ohra.

Rigward ix-xhieda ex-admisses, li kien hemm wiehed biss ta' xahrejn, r-rikorent xorta ghamel claims ghall-commissions, minkejja li c-charter kien maghmul mill-owner stess. Dr. Grech qal ukoll li meta s-surveyer iddikjara li kien hemm persuna li kienet tghix fuq il-yacht, ma qaghadx jidhol fil-mertu jekk kien qabel jew wara, izda li kien hemm xi hadd qed jghix fuqu.u dan ikkorraborat mir-rapport tal-pulzija.

Rigward il-kumpens li r-rikorrent qed jitlob biex dan it-Tribunal ipoggih fi status quo ante t-tkeccija, Dr. Grech qal li dawn huma money claims li l-maggoranza taghhom ma jaqghux taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal imma tal-Qrati Ordinarji. Dr.Grech zied jghid li r-rkorrent qed jaghmel forum shopping ghax wara li tilef il-kawza quddiem il-Grech qal li t-talbiet numri 1,2,3,7,8,9,10,11 il-Qorti qatghetha li m'humiex fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Jibqa' allura t-talbiet numri 4,5 u 6. Izda hawn ir-rikorrent xorta naqas mili jipprovdi in-ness bejn l-att ta' terminazzjoni, li skont is-socjeta' huwa implied resignation, u t-telf imgarrab, ezempju ta' dan huwa li r-rikorrent ma ghamilx l-almu tieghu biex isib impjieg u qal li dam sentejn u nofs ma jahdimx, meta fil-prezent hawn furur fuq il-jottijiet. Ir-rikorrent naqas milli jgib provi li ta' lanqas ipprova jfittex biex isib impjieg.

Mill-banda l-ohra jekk ghaggel biex ibiegh id-dar tieghu, dak kien nuqqas min-naha tieghu u m'ghandhiex tpatti ghaliha s-socjeta'. Ghat-talba ta' reinstatment, Dr.Grech fakkar li fil-kamp marittimu l-kaptan ghandu fiducja specjali u wara li r-rikorrent arresta l-jott m'ghandux jippretendi li jerga' jigi ntegrat fl-istess post.

**Dr. Abigail Critien** ghar-rikorrent qalet li ma tistax tifhem kif is-socjeta' qed tghid li ma ngabux provi bizzejjed jekk wiehed jara l-ammont ta' dokumenti li esebixxa r-rikorrent.

Il-kuntratt tal-bejgh tal-propjeta' u dokumenti illi juri l-valutazzjoni tal-istess proprjeta', rigward l-implied resignation hemm il-messaggi li gew esebiti mir-rikorrent stess fejn juru li gie ordnat ma jitlax fuq il-bastiment. Dr. Critien qalet li r-rikorrent iddepozita c-cwievet, pero' zamm tal-puntun u din ghaliex parti minn xogholu kien illi jaccerta ruhu illi l-bastiment ta' lanqas ma jitpoggiex f'periklu u jibqa' taht ghajnejh anke biex jissalvagwardja l-interessi tieghu u biex hadd ma jaghmel allegazzjonijiet fiergha fuqu.

Rigward in-ness, Dr. Critien qalet li r-rikorrent kellu pagi dovuti b'lura u li kieku kienet rizenja, kien jaghmel dan formalment. Hija qalet li ghax fittixhom legalment, is-socjeta' keccietu bil-pulit u qalulu biex ma jitlax fuq il-bastiment. Dr. Critien irreferiet ukoll ghall-fatt li s-socjeta tghid illi dan kien charter ta' tliet gimghat, izda l-provi juru li kien ta' xahrejn. Dr. Critien qalet li t-Tribunal ghandu jpoggi r-rikorrent status quo ante qabel ma tkecca, sew ghall-paga u sew ghall-commissions u talli tkecca, spicca biex il-loan ma thallsitx bir-riperkussjonijiet kollha. Is-sitwazzjoni rrendiet lir-rikorrent fejn kellu jaghmel *damage control*, u biex jiminimizza d-danni d-dar inbieghet biex jevita' nteressi m'ghola s-sema. Hija qalet li r-rikorrent ghax ha passi legali, s-socjeta' hadet ghaliha u ma kien hemm ebda bazi ta' dixxiplina jew xi allegazzjoni li ghamel xi haga li tmur kontra xi ksur ta' kuntratt. Dr. Critien qalet li kellu kull dritt li ghamel li ghamel u tkecca ghax is-socjeta' ma setghetx tacetta li l-claim li ghamel li ghandu jkun rimbursat u jigi kkompensat. Hija qalet ukoll li la s-socjeta' ghazlet li ma taghmilx kontro-ezami ghaliex taf illi jekk ha taghmel il-mistoqsijiet jigu kontriha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent minn mas-socjeta' ntimata kinitx ingusta.

Tenut kont ta' tnax-il fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz cioe: -

Li r-rikorrent kien ingaggat fuq bazi full time, b'kuntratt indefinit bhala 'Yacht Master',

Li f'Awwissu 2017 inghata struzzjonijiet biex ma jitlax fuq il-jott;

Li permezz ta' cedola ta' depositu numru 1330/17 ir-rikorrent iddepozita c-cwievet tal-bastiment taht l-Awtorita' tal-Qorti ghax ried jezimi ruhu minn kull forma ta' responsabbilta' fuq l-istess jott;

Li zamm ic-cwievet tal-puntun A u baqa' jmur hemm ghax ma kienx inpedut milli jaghmel dan u biex izomm taht ghajnejh xi jkun qed jigri;

Li d-direttur tas-socjeta' ntimata ma kienx jaf min arresta l-jott u meta sar jaf li kien il-kaptan, cjoe' r-rikorrent, stiednu kif soltu jaghmlu biex jiltaqghu u jiddiskutu xi problemi li seta' kellu ;

Li r-rikorrent ghall-ewwel accetta, izda wara qallu li se jkollu avukat jakkumpanjah;

Li d-direttur qallu li la se jgib avukat, huwa se jaghmel l-istess u qallu wkoll li sakemm jiltaqghu u jiddiskutu ma jitlax fuq il-jott, l-istess jott li r-rikorrent innifsu arresta;

Li r-rikorrent filfatt ma laqax din l-istedina u qatt ma mar biex jiltaqa' u jiddiskuti l-problemi li kellu mad-diretttur minkejja li kien baqa' mieghu li se jmur;

Li s-Socjeta'  irregistrat lir-rikorrent f'Jannar 2018 mal-JobsPlus li l-impjieg tar-rikorrent kien gie fi tmiemu b'lura f'Lulju 2017;

Li r-rikorrent skopra li gie tterminat fil-fatt, meta minn jeddu mar il-Jobsplus biex jara l-Employment History tieghu fi Frar 2018, fejn dak inhar sar jaf bid-data ta' Lulju tas-sena ta' qabel.

Li meta ntqal lir-rikorrent biex ma' jitlax fuq il-jott, intqal lilu hekk mid-Direttur tas-socjeta' sakemm jiltaqghu biex jiccaraw x'dizgwid kien hemm ;

Li r-rikorrent qatt ma mar ghal din il-laqgha.

**DECIZJONI**

Dan it-Tribunal gie mitlub biex jara jekk it-telfien ta' mpjieg tar-rikorrent kienx ghal raguni ingusta jew le. Mill-provi li gew imressqa r-rikorrent kien ilu jippretendi diversi hlasijiet addizzjonali u pagi b'lura dovuti lilu minghand is-socjeta' u allura hass li ghandu jirrikorri ghal mandat ta' arrest kawtelatorju tal-jott li fuqu kien jahdem. Il-ligi taghti dan id-dritt bid-diversi mandati kawtelatorji biex wiehed proprju jikkawtela l-interessi tieghu fl-eventwalita' li wara li tinfetah kawza, jew tkun diga nfethet, skond il-kaz, u din tinqata' favorih, ikun jista' jiehu dak li jkun gie deciz li haqqu skont il-ligi.

Ir-rikorrent ghamel ezatt hekk u arresta l-vapur li fuqu kien jahdem. Minkejja li kellu kull dritt jaghmel hekk, dan l-arrest filfatt irrenda l-post tax-xoghol tieghu inutli. Hawn allura, gustament is-socjeta' tallega li dan ifisser 'implied resignation', kif anke jitkellem fit-tul fuq dan is-suggett Selwyn. Selwyn jghid ukoll li l-minuta li tirrendi l-impjieg tieghek inezistenti hija 'implied resignation'.

Izda dan it-Tribunal jinnota wkoll li kif graw l-affarijiet is-socjeta' fl-ebda hin ma dehret li qed tipprova tkecci jew ittemm l-impjieg tar-rikorrent b'inizjattiva taghha. Jidher li kien hemm dizgwid fuq hlasijiet, pagi jew pretensjonijiet, izda xorta jibqa' l-fatt li s-socjeta' ma agixxietx b'tali mod li riedet tittermina l-impjieg tar-rikorrent. Meta d-direttur sar jaf li l-jott gie arrestat ma kienx jaf li r-rikorrent cjoe' l-kaptan stess kien li arrestah. Meta kkuntattjah wera bic-car li ma kienx hemm intenzjoni ta' tpattija jew li ried jitterminah. Altru minn hekk stiednu biex jiltaqghu u jiddiskutu u jekk inhu possibbbli jirrangaw id-dizgwid. Issa il-fatt li l-jott kien diga arrestat u wara din it-telefonata jircievi messagg m'ghand ir-rikorrent fejn jghidlu li se jkun akkumpanjat b'avukat, minkejja li l-assistenza ta' avukat ma tnissilx terrur, hija xi haga minn ewl id-dinja li wiehed johodha li se jkun hemm certa nuqqas ta' familjarita' li normalment ikun hemm kieku ltaqghu wahedhom. Huwa wkoll haga minn ewl id-dinja li d-direttur iwiegeb li allura se jkollu huwa wkoll avukat jassistih, la r-rikorrent hekk kien se jaghmel.

Ghal dan it-Tribunal, id-direttur ghagixxa bl-aktar mod responsabbli meta qallu biex ma jitlax fuq il-jott, aktar u aktar meta mill-provi johrog car li din ma kellhiex tkun l-ahhar inkontru, izda fazi ta' stennija sakemm il-laqgha ssir. Ghal dan it-Tribunal, il-fatt li l-istedina baqghet tghodd u ma gietx ikkancellata wara li nhargu l-istruzzjonijiet biex ma jitlax fuq il-jott huwa car li ma kienx hemm terminazzjoni jew intenzjoni ta' terminazzjoni f'mohh id-direttur, u allura s-socjeta' tigi ezentata minn kull akkuza li riedet titterminah. Kieku kien il-kaz li riedet titterminah lanqas biss ma kienet taghmel l-istedina. Ukoll il-fatt li tohrog ordni biex ma' jitlax fuq il-jott, f'dak il-waqt krucjali fejn ghandek il-post tax-xoghol arrestat, u allura arrestat ghal kulhadd, inoperabbli ghal kulhadd, u fil-frattemp ir-rikorrent jghid li se jkun akkumpanjat minn avukat, liema decizjoni haseb wara fuqha, minkejja l-id ta' hbiberija li kienet giet offruta lilu, ghal dan it-Tribunal id-direttur ghamel sew li jissalvagwardja sew lilu nnifsu u sew lir-rikorrent billi qallu biex ma jitlax fuq il-jott, l-istess jott li gie ridott inoperabbli.

Hawnhekk it-Tribunal jixtieq jiccara li mhux daqstant li l-fatt li l-jott gie arrestat, ghax il-ligi ttik id-dritt li ddur ghal mandat kawtelatorju, erhilha li l-assi li gew mizmuma ghall-kawtela inzerta l-post innifsu tax-xoghol, izda t-Tribunal jara sinifikanti hafna n-nuqqas ta' rieda min-naha tar-rikorrent li minkejja li rcieva stedina biex jiddiskutu dak li kien qed idejjqu, dan baqa' ma marx. Ma marx ghax ma riedx imur u mhux ghax intqal lilu biex ma jitlax fuq il-jott, tant li fuq il-pontun baqa' jmur. Intnt, li jekk nghidu ahna persuna tkun tahdem f'ufficcju jew f'fabbrika u ma jmurx biex jiltaqa' ma ta' fuqu biex jiddiskutu xi kwistjoni li setghet inqalghet, u jghidulu biex fl-ufficcju tieghu ma jidholx, dan ma jfissirx li tkecca mix-xoghol. Mill-banda l-ohra jekk dan il-haddiem jibqa' ma jidholx fil-binia tax-xoghol tieghu, izda jmur kuljum hdejn il-bini u jibqa' barra, ma jistax jippretendi li qed jidhol ghax-xoghol.

Sinifikanti wkoll ix-xhieda li ta r-rikorrent fis-seduta tal-14 ta'Mejju 2021 fejn fost il-pretensjonijiet tieghu semma paga allegata dovuta lilu minn Awwissu 2017 sal-ahhar ta' Frar 2018 u dan ghax ir-rapprezentant tal-JobsPlus, li xehed fl-istess seduta, qal li l-formola tat-terminazzjoni waslitilhom fi Frar 2018 u allura kien ghalhekk li f'mohh ir-

rikorrent huwa kien ghadu mpjegat tant li ppretenda hlas ta’ paga ghal dawn ix-xhur. Ir-rikorrent fl-istess seduta rrefera ghal xhieda ohra li kien ta l-istess rapprezentant tal-JobsPlus fl-14 ta’ Dicembru 2017, fejn kien qal li r-rikorrent kien ghadu jidher impjegat mas-socjeta’. Din ix-xhieda r-rikorrent fis-seduta ta’ l-14 ta’ Mejju 2021, semmiha propju biex jissustanzja li kellu aktar pagi dovuti lilu. Allura t-Tribunal ma jsib l-ebda diffikulta’ biex jikkonkludi li r-rikorent ma seta’ qatt jistrieh fuq il-messagg li rcieva f’Awwissu 2017 biex ma jitlax fuq il-jott u jikkunsidraha bhala tkeccija.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal fid-dawl ta’ kif sehhew l-avvenimenti, ma jirrizultalux li kien hemm terminazzjoni min-naha tas-socjeta’, izda r-rikorrent innifsu ma marx aktar ghax-xoghol.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

**Doreen Parnis**

**Chairperson**

**VERA KOPJA**

**Jordan Muscat**
**Ghas-Segretarja**